9 ta' Novembru, 1950

Imħallef :

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

**Antonio Mifsud** *versus* **Concetta Scifo**

**Sekwestru — Salarju — "Driver" — "Chauffer".**

*Is-salarju ta' "driver" li ma jagħmelx ukoll xogħol mekkaniku, bħala retribuzzjoni ta' wieħed li jagħmel xogħol li, għalkemm jirrikjedi ċerta prattika mekkanika, ma jirrikjedix istruzzjoni jew koltura intellettwali, ma huwiex sekwestrabili.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u kull provvediment opportun, wara li ppremetta li huwa mpjegat bħala "driver" ta' char-a-banc, u għalhekk il-paga tiegħu ma hix sekwestrabili għat-termini ta' l-art. 382 tal-Proċedura Ċivili (Ediz. Riveduta), talab illi tkun revokata l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestru maħruġ minn dina l-Qorti fid-19 ta' Awissu 1950 a domanda ta' l-attriċi u in eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-28 ta' Marzu 1950, fil-kawża fl-ismijiet "Concetta Scifo vs. Antonio Mifsud" (dok. A). Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher mid-dokument "A"............, il-konvenuta otteniet fid-19 ta' Awissu 1950 minn din il-Qorti mandat ta' sekwestru kontra l-attur............ f'idejn Emmanuele Meli, li miegħu l-attur huwa mpjegat bħala chauffer (fol. 10);

Illi l-impjeg ta' l-attur ma' Emmanuele Meli huwa dak ta' sempliċi driver, u mhux ukoll ta' mekkaniku; anzi huwa lanqas hu kapaċi li jagħmel ix-xogħol li t-truck li jkun isuq jista' jiġrilhu fit-triq (fol. 10). Issa, jinsab stabbilit minn dawn il-Qrati li s-salarju ta' driver li ma jaħdimx ukoll ta' mekkaniku, bħala retribuzzjoni ta' wieħed li jagħmel xogħol li, għalkemm jirrikjedi ċerta prattika mekkanika, ma jirrikjedix istruzzjoni jew koltura intellettwali, ma hux sekwestrabili (App. Inf. 4. 3. 1939 "Pace vs. Abela", Vol. XXX—I—978);

Illi billi fl-impjeg tiegħu ma' Emmanuele Meli l-attur huwa sempliċi driver, u mhux ukoll mekkaniku, is-salarju tiegħu f'dak l-impjeg ma huwiex sekwestrabili;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tilqa' t-talba ta' l-attur; bl-ispejjeż.